**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 16 ta' Novembru, 2015**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Lawrence Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Lawrence Azzopardi detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 222586M

1. Akkuzat talli fl-20 ta' Jannar 2014 ghal habta ta' bejn l-4:30pm u l-5:00pm gewwa Pjazza Dun Tarcis Agius Marsaskala, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Volkcwagen, bin-numru

ta' registrazzjoni ABV-562, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi lil Elaine Buhagiar u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikat minn Dr Jennifer Sultana tal-Klinika ta' Rahal Gdid, u dan bi ksur ta' l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktartalli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkawza hsara fuq rota, ghad-detriment ta' Elaine u/jew xi persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-rtikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termnini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Marzu, 2014 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru, 2015 ghall-ewwel u t-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li s-sewqan fl-incident mertu fil-kaz odjern kien wiehed traskurat izda mhux perikoluz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) u 328(d) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni

migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum. Stante li t-tielet imputazzjoni giet irtirata l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**MAGISTRAT**